KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 64

L-Erbgħa 24 ta’ April 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa’ fl-uffiċju amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 24 ta’ April 2024. Il-laqgħa bdiet fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dominic Grima | Sindku |
| | Darren Lynch | Viċi Sindku |
| | Ivan Bartolo | Kunsillier |
| | Rita Delezio | Kunsilliera |
| **Assenti b’apoloġija** | Steven Axisa | Kunsillier |
| (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Yvonne Arqueros | Kunsilliera |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa.

**64.01 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji**

64.01.01 Is-S.E. informa li l-Kunsillieri Axisa u Arqueros kienu infurmaw li ma setgħux jattendu u talbu li jkunu skużati.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera għandhom jitqiesu bħala skużati

**64.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 63**

64.02.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 63 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera Delezio tipproponi u l-Kunsillier Camilleri jissekonda.

**64.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

64.03.01 Is-Sindku nforma li aktar tard din il-ġimgħa kienu ser jinħargu t-*tenders* għall-Ġnien Silvio Parnis u għal Latrina Awtomatika fi Ġnien Pawlu Boffa.

64.03.02 Is-Sindku nforma li wara li kien sar kuntatt mal-aġenti tal-apparat tal-bandli fi Ġnien Pawlu Boffa, kienet inġabret kwotazzjoni sabiex tkun tista' ssir it-tiswija tal-apparat kif ukoll li xi partijiet iridu jinbidlu peress li ma jissewwewx. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jmexxi fuq din il-materja peress li hemm numru ta' ġimgħat qabel il-partijiet li hemm bżonn jinbidlu jiġu minn barra. Huwa qal li sfortunatament, il-garanzija fuq l-apparat preżenti kienet skadiet.

64.03.03 Is-Sindku nforma li propju bħal lum ġimgħa, fuq insistenza tiegħu, kienu tneħħew il-pjanċi li kienu ta' periklu fi Triq il-Foss u dan wara li d-Dipt. tal-Artijiet baqa' ma għamel xejn minkejja li konna ġbidna l-attenzjoni dwar il-periklu għal diversi xhur. Huwa qal li minbarra l-pjanċi sar ukoll tindif fl-akwati mill-ħaddiema tad-tad-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni. Huwa kompla jgħid li l-ħajt li nkixef huwa perikoluż u li kien qed jaħdem sabiex dan il-ħajt jissewwa kemm jista' jkun malajr.

64.03.04 Rigward Ġnien Tony Bezzina s-Sindku spjega li x-xogħol miexi u ta' dettalji ta x'sar sa issa u x'jonqos li jsir. Huwa żied jgħid li t-talba tagħna sabiex in-naħa ta' fuq fejn ġej il-*green corridor* tiġi nkorporata mal-proġett ġiet approvata filwaqt li l-perit emenda l-pjanti sabiex ix-xelter li nstab ikun jista' jibqa' aċċessibbli.

64.03.05 Is-Sindku nforma li wasal iż-żmien li ssir l-ewwel Laqgħa tal-Lokalita' għal din is-sena u ġie deċiż li din għandha ssir qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill jiġifieri l-Erbgħa 25 ta' Mejju fl-4:30 pm

**64.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

64.04.01 Il-Viċi Sindku talab *update* dwar ix-xelters li nsabu dan l-aħħar. Is-Sindku informa li filwaqt li bħala Kunsill konna nfurmajna lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju

Kulturali, dawn ix-xelters kienu ser jingħalqu permezz ta' *manholes* sabiex jibqgħu aċċessibbli.

64.04.02 Il-Viċi Sindku talab *update* dwar ir-*Risk Assessment* dwar is-Suq u s-SE informa li s-*surveyor* kien informah li dan kien lest u li kien ser jgħaddilha d-dokument il-ġimgħa d-dieħla.

***Il-Viċi Sindku ħalla l-laqgħa fil-5:27 pm minħabba mpenji personali.***

64.04.03 Il-Kunsillier Bartolo ilmenta dwar *transformer* tad-dawl li qed jagħmel l-istorbju u kien hemm qbil li ser jgħaddi d-dettalji lis-SE sabiex issir it-tiswija meħtieġa, Huwa staqsa wkoll dwar xi bozoz li ma kienux qed jixgħelu u s-Sindku nforma li kien hemm problema b'dawk li jissejħu *central h*anging peress li *spare p*arts għal dawk eżistenti ma kienx għad fadal fis-suq u għalhekk konna ordnajna oħrajn ġodda li għandhom jaslu Malta fil-ġranet li ġejjin.

64.04.04 Il-Kunsillier Bartolo staqsa hux possibbli li jitħawwlu xi pjanti u fjuri fil-Pjazza u s-Sindku nforma li dawn kienu ser isiru fil-ġranet li ġejjin.

64.04.05 Il-Kunsilliera Delezio staqsiet hux possibbli li tiċċaqlaq iż-*zebra crossing* li hemm fil-Pjazza iżda s-Sindku spjega li mhux possibbli peress li dawn qeghdin kif suppost għandhom ikunu.

64.04.06 Il-Kunsilliera Delezio talbet *update* dwar is-siġar li hemm fl-akkwati ta' San Alwiġi. Is-Sindku spjega li s-siġar tal-yucca u eucalyptus kienu ser jinqalgħu u minflokhom jitħawwlu ħafna siġar oħra maturi.

64.04.07 Il-Kunsilliera Delezio staqsiet kienx hemm *update* dwar ir-*railing* ta' Santa Ubaldeska. Is-Sindku nforma li konna għadna qed nippruvaw insibu ħaddied li jagħmel dan ix-xogħol.

64.04.08 Il-Kunsillier Camilleri staqsa jekk hux possibbli li l-arblu taż-*zebra crossing* li hemm kif toħroġ minn Triq Ġuze D'Amato lejn il-Pjazza jersaq iktar il-ġewwa sabiex ma jkunx ta' periklu. Is-Sindku nforma li għalkemm mhux faċli konna ser nerġgħu nagħmlu talba lil-Infrastruttura Malta.

## 64.05 Korrispondenza

64.05.01 Is-SE nforma li konna rċivejna korrispondenza mingħand il-Hibernians FC sabiex *Tournament* li ser isir f'Mejju u li jibda jsir kull sena bil-parteċipazzjoni ta' timijiet barranin, ikun organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 64.06 Rapporti

64.06.01 Is-Sindku spjega li dwar Triq Ħal Tarxien kien sar xi xogħol ta' emerġenza sabiex jitneħħa l-periklu iżda minħabba li din it-triq hija waħda prinċipali, x-xogħol qed isir f'diversi fażijiet. Huwa qal li wara li jsiru s-servizzi ser isiru bankini ġodda u

Kunsill Lokali Paola

finalment isir l-asfaltar. Huwa qal li ser jinbidlu xi katusi tal-*water culvert* sabiex jiġi evitat li t-triq iżżomm l-ilma

64.06.02 Rigward Triq Santa Monika s-Sindku spjega li bħalissa kien qed isir xogħol fuq il-bankini u malli dan ix-xogħol jitlesta, t-triq kienet ser tiġi asfaltata.

64.06.03 Rigward Triq l-Isqof Buhagiar is-Sindku nforma li qed jinbidlu l-*mains* tal-ilma u d-drenaġġ u wara li jsiru l-bankini t-triq tiġi asfaltata. Is-Sindku nforma wkoll li kien jinsab f'taħditiet mal-awtoritajiet sabiex il-*containers* ma jibqgħux joħorġu minn din it-triq kif qed isir preżentement.

64.06.04 Finalment is-Sindku nforma li ladarba jitlestew dawn it-toroq ser isiru Triq Santa Ubaldeska, Triq il-Foss u wara jkun imiss Triq il-Lampuka u Triq it-Tarzna.

**64.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 64**

64.06.01 L-iskeda ta' Pagamenti numru 64 ġiet approvata unanimament.

**64.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

64.08.01 Il-laqgħa ntemmet fis-5:50 p.m. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024.**

IFFIRMATA

**Dominic Grima**
**Sindku**

IFFIRMATA

**Fabian Mizzi**
**Segretarju Eżekuttiv**